**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 08/2024**
**28 ta' Novembru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:33 p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (Attenda 5.40pm u skużat 7.33pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Liam Sciberras – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Il-Kunsillier Sciberras ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba li qiegħed imsiefer jirrapreżenta lir-Reġjun.

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 7

Il-Minuti tal-Laqgħa 07-24 IX ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u Debattista.

8.3 Approvazzjoni ta' Quaterly 1 u Quaterly 2

Is-Sindku qrat email ta' direzzjoni tal-approvazzjoni mid-Direttur Ġeneral tal-Gvern Lokali fejn spjega li l-Quaterly Reports jiġu approvati minn maġġoranza, dan minħabba li l-Kunsillier astjena milli japprova fis-seduta preċedenti. Ir-rapporti ġew approvati mis-Sindku, il-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsilliera Debattista.

8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.4.1 Is-Sindku infurmat li tkellmet mas-Sindku l-Ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Gudja li nfurmaha li se jagħmlu talba lil TM biex it-talba tal-One Way tiġi revokata. Is-Sindku rċiviet diversi suġġerimenti mingħand ir-

residenti biex it-triq tad-dog park u t-triq tal-ġibjun jiġu One Way minn **Triq Santu Kristu** u jkunu aċċessibli biss għar-residenti/bdiewa sabiex Santa Luċija ma tkunx by pass għal vetturi oħra. Meta l-Kunsilliera D'Amato talbet sabiex isir enforcement fuqha i s-Sindku infurmat li hemm ic-CCTV cameras. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

Il-Viċi Sindku daħal għas-Seduta

**8.4.2** Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret mac-CEO tal-PA is-Sur Oliver Magro nhar il-Gimgħa, 15 ta' Novembru 2024 dwar il-**krematorju**. Preżenti kien hemm il-Kunsilliera, kif ukoll il-Perit Mugliett. Is-Sindku infurmat li bħala Kunsill diġà bagħtna l-kummenti tagħna lill-entitajiet skont il-gwida l-perit. (Annex 1)

**8.4.3** Is-Sindku qrat l-email tal-Kunsilliera Debattista fejn talbet biex jagħmlu xi **fustuni fi Triq il-Prinjoli**, jekk mhux din is-sena, s-snin li ġejjin. Is-Sindku infurmat li għamlet kuntatt mal-kuntrattur sabiex jaraw x'jista' jsir għal din is-sena u jibgħatilna kwotazzjoni.

**8.4.4** Is-Sindku qrat ir-risposta tal-avukata Dr Claire Bonello dwar il-**Mozzjoni nru. 8 dwar il-Parkeġġ f'Dawret it-Torri** (Annex 2). Il-Kunsilliera D'Amato qablet mal-kummenti tal-avukata u talbet li ssir laqgħa mal-uffiċjali u l-avukati ta' SportMalta u tagħna, peress li aħna ma SportMalta għandna x'naqsmu. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-danni mhumiex finanzjarji iżda ta' inkonvenjenza. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-proċess tal-Qorti ser idum għalhekk trid issir pressjoni politika. Is-Sindku infurmat li l-avukata tagħna u ta' SportMalta qed jitkellmu bejniethom b'mod uffiċjali u involvew ukloll l-MFA. Is-Sindku qrat l-email li preparat għal Prim Ministru (Annex 2a). Il-Kunsilliera preżenti qablu li tiġi mibgħuta ittra b'mod uffiċjali iffirmata minnha.

**8.4.5** Is-Sindku infurmat li **Christmas Eve u New Years Eve** l-uffiċċju amministrattiv ser jagħlaq fin-12.30pm. Il-Kunsilliera qablu, l-importanti li ninfurmaw lid-DLG u l-pubbliku.

**8.4.6** Is-Sindku infurmat dwar l-**attivitajiet** li qed tippjana mal-Kunsilliera responsabbli li huma dawn:

- Xmas Pet Day – Il-Ħadd, 15 ta' Diċembru 2024 open day għall-annimali fil-picnic area. Ħeġġet lil min ser jattendi sabiex ilibbsu l-annimali bit-tema tal-Milied. Ġie issuġerit li jingħataw doggy bags.
- Book/Board Games Donation Day – Is-Sur Chen ser jagħti kotba biċ-Ċiniż u Ingliż lil-librerija kif ukoll logħoba taċ-ċess tipika Ċiniza. Il-Kunsill ser jagħti b'mod ufficjali l-Board games li xtara lil-librerija. Is-Sur Chen ser jagħllem il-logħoba taċ-ċess bejn 10.30am u 11.30am.
- Nofstanhar Għawdex – Is-Sibt, 21 ta' Diċembru 2024 minn 12pm sa xi 9.30pm

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunċert tal-Milied tal-Kunsill, kull sena qed jaħbat fl-istess ġurnata tal-Gala Dinner tal-AKL. Is-Sindku nfurmat li l-ġurnata tkun ilha deċiża mill-Kunsill mill-bidu tas-sena meta napplikaw għall-iskema tad-DLG.

**8.4.7** Is-Sindku infurmat li daħlet CV waħda minn Part 1 tal-Jobsplus għall-iskema tac-**CIES** fejn issuġeriet li nitolbu għall-Part 2 u 3 sabiex l-interview issir darba. Il-Kunsill approva.

**8.4.8** Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret mas-Surmast tal-**Iskola**, is-Sur Higgans li saret nhar il-15 ta' Novembru 2024 (Annex 3). Is-Sindku rrimarkat rigward id-diżgwid li nqala' minħabba l-poster fejn infurmat li l-Kunsill ma kellux x'jaqsam ma' din l-inizjattiva iżda bħala Kunsill kemm irriklamaha. Il-Kunsilliera Debattista irimarkat li minħabba l-expiry date tal-foodbank ġiet mifhuma ħażin. Is-Sindku infurmat li meta nagħmlu riklam għal ħaddieħor, nagħmlu nota li din hija attività mhux organizzata mill-Kunsill. Fl-istess waqt is-Sindku appellat sabiex ir-residenti jipparteċipaw iżjed peress li 2 biss ġabu l-ikel. Rigward il-

kompetizzjoni tal-Milied, il-Kunsill qabel li jingħata premju lil kull student li ipparteċipa u li fuq il-facebook tal-Kunsill jitilgħu t-tpinġijiet.

**8.4.9** Is-Sindku attendiet għal laqgħa li saret nhar l-20 ta' Novembru 2024 (Annex 4) mal-uffiċjali ta' **Public Transport** minħabba li qed jinqabżu diversi rotot. Is-Sindku qrat l-email tal-Kunsillier Sciberras (Annex 5) minħabba diżgwid li qed jinqala'. Referenza għall-istess email, is-Sindku irrimarkat li bħala Sindku qed tirrappreżenta lir-residenti, kif ukoll lill-Kunsilliera meta tiġi organizzata laqgħa. Is-Sindku infurmat li ser nerġgħu nibgħatu lil PT għall-istatistika. Il-Kunsilliera Debattista issuġġeriet li tallinja nru 83 tibda tgħaddi kull kwarta u saqsiet ir-raġuni għalfejn tneħħiet il-venda. Is-Sindku wieġbet li tneħħiet minħabba d-dħaħen għax kienu jħallu tal-linja mixgħula u l-venda kienet fil-qalba tar-residenti. Ġie maqbul ukoll li terġa ssir il-venda minħabba l-problemi li qed jaffaċjaw ir-residenti. Is-Sindku ssuġġeriet li tiġi mibgħuta email lill-Kunsilliera għas-suġġerimenti tagħhom fejn tista' ssir il-venda u fiha ser tinkludi ir-rotta ta' kif qed tagħddi tallinja biex tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. Issuġġerit ukoll li nitolbu lir-residenti għas-suġġerimenti matul il-Laqgħa Pubblika.

**8.4.10** Is-Sindku infurmat li peress ma rċivejnix kwotazzjonijiet oħra għall-**Minor Works**, id-DLG infurmana li bħala kunsill nistgħu nipproċedu biex tinħareġ direct order l-importanti li ma nistgħux naqbżu l-€5000 ma l-unika kuntrattur li applika, bil-kundizzjoni li trid tinħareg t-tender mill-aktar fis. Is-Sindku nfurmat li l-ewwel li jrid jitranġa l-bieb tal-ġebel ta' Triq M. De Domenicis. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li ssir il-biċċa ta' Dawret it-Torri.

**8.4.11** Is-Sindku infurmat li l-amministrazzjoni għandha bżonn tixtri żewġ **softwares**, Adobe Pro u Zoom (jiġi mħallas fis-sena flok fix-xahar). Il-Kunsill approva.

**8.4.12** Is-Sindku infurmat li inħarġet lis-skema: **SPI SCI 08 2024 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025** fejn il-Kunsilliera qablu li napplikaw għall-attività għar-residenti Luċjani, speċjalment għat-tfal u żgħażagħ. Ser napplikaw għall-€4000.

**8.4.13** Is-Sindku infurmat li se jinxtara **mobile** għall-istaff sabiex jiġu mibgħuta l-ilmenti mill-staff dak il-ħin lill-kuntratturi kkonċernati, għall-prezz ta' €95. Il-Kunsill approva.

**8.4.14** Is-Sindku infurmat li għal Marzu qed tippjana ġijta ta' 5 t'ijiem ġewwa **Ruma**, fejn għada qed tiġbor il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill approva.

**8.4.15** Is-Sindku għaddiet il-pjanta ta' kif inhu ippjanat li jiġu r-**roadmarkings** tal-parti li tagħlaq ta' Triq Ġuljetta Lopez (Annex 6). Il-Kunsill approva.

**8.4.16** Is-Sindku għaddiet it-talba minn qabel lill-Kunsilliera ta' **Joan Antide Foundation** sabiex jużaw it-tea room fejn il-Kunsill approva. Il-Joan Antide talbu sabiex ngħinuhom fi proġett. Il-Kunsilliera Debattista u D'Amato issuġerew li dawn jagħmlu kuntatt mal-fondazzjoni tal-E.T. M'Louise Coleiro Preca, Southern Community Service u SEM.

**8.4.17** Is-Sindku qrat l-ittra tar-**riżenja** ta' impjegat tal-Kunsill Lokali (Annex 7). Is-Sindku u l-Kunsilliera irringrazzjaw lill-impjegat tal-ħidma tiegħu.

**8.4.18** Is-Sindku qrat email mibgħuta mill-kunsillier Dr Sciberras (Annex 8) dwar biljetti u trasport provdut għal logħob ta' **Santa Luċija FC**. Is-Sindku ikkundanat dawn it-tip ta' emails speċjalment minn kunsillier lill-Kunsill dwar affarijiet li mhux minnhom. (Annex 8i)

**8.4.19** Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li attendiet għaliha mas-Sur **Michael Cohen** nhar il-5 ta' November 2024 (Annex 8a). Il-Kunsill qabel li nibdew billi nitolbu d-devoluzzjoni tal-art ta' fejn hemm l-ATM u li nitolbu lill-Kurja għall-aċċess tal-parkeġġ tal-knisja għar-residenti.

**8.4.20** Is-Sindku qrat l-istatistika ta' Q3 mibgħut mir-Reġjun dwar l-ammont ta' nies li ġew imħarrka mill-**ERA**. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport mhuwiex aċċettabli u li hemm bżonn jiżdiedu l-ispezzjonijiet. (Annex 9)

**8.4.21** Is-Sindku infurmat li rċevejna l-istima tal-fanali għal Pjazza 7 ta' Lulju għall-proġett iffinanzjat mill-LESA. Ser jinbidlu 11-il **fanal** li ser jiġu jiswew €19,800. Minħabba li l-kuntratturli li għandu t-tender tad-dawl huwa l-unika aġent u biex il-fanali jsiru l-istess bħal ma' diġà hemm, mhux ser jiġu mitluba kwotazzjonijiet. Il-Kunsill approva.

**8.4.22** Is-Sindku infurmat li l-ġimgħa d-dieħla ser jiġu mwaħħla s-CCTV cameras ta' **Ġnien Simbjożi**.

**8.4.23** Is-Sindku infurmat li wara li ġew mibgħuta diversi rapporti dwar il-**Promenade** lill-Ministeri ikkonċernati u ma sar xejn, il-Kunsill qabbad il-ħaddiema tiegħu sabiex tittaffa is-sitwazzjoni b'mod temporanju billi tneħħew il-barriers u l-ġebel. Dan sakemm il-promenade tiġi kif kienet qabel. Il-Kunsilliera Debattista talbet li nibdew ningħataw time frames.

**8.4.24** Is-Sindku infurmat li l-**VSA** qablu li jżidu 10% għall-użu tal-bini (Annex 9a). Il-Kunsill approva r-renewal tal-agreement.

**8.4.25** Is-Sindku rċeviet talba mingħand **Melita Foundation** sabiex nagħżlu post għall-proġett li ser jissponsorjaw huma. (Annex 10). Il-Kunsill qabel sabiex tiġi magħżula l-picnic area u jinbidlu l-bankijiet u l-imwejjed tal-picnic, ftit minnhom jiġu bil-canopy b'materjal riċiklabbli bħal ta' Ġnien Simbjożi u li hemm preżentament jiġu rranġati.

**8.4.26** Is-Sindku rrimarkat li rċivejna kont ieħor mingħand il-Perit Lewis għal **Pjazza tal-Ġilju** meta applikajna għal Vjal Kulħadd. Il-BOQ ta' fuq kemm ser jiġi jiswa dan il-proġett kien diġà mħallas meta l-Kunsill kien applika ma Project Green u ma kienx magħżul. Il-Kunsill qabel li ma jiġix imħallas il-kont għalissa, minħabba li hu pagament doppju.

**8.4.27** Is-Sindku infurmat li lis-Street Naming Committee ma approvax l-ismijiet tat-toroq li l-Kunsill issuġġerixxa. Il-Kunsill qabel ma l-ismijiet li approva l-kumitat: **Spazju Rikreattiv Raymond Mahoney** bin-nomenklatura Kittieb u Poeta, kif ukoll id-data tat-twelid u tal-mewt u **Trejqet Ġensna.** Rigward il-**bust**, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ma qabilx mal-postijiet li għażel il-Kunsill, għalhekk il-Kunsill qabel li l-bust tas-Sur Raymond Mahoney jiġi viċin tal-Każin tal-Partit Laburista ħdejn il-Monument tal-31 ta' Marzu.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu mill-laqgħa fis-7.35pm.

**8.4.28** Is-Sindku infurmat li l-**LESA** ser jibdew jgħaddu lill-Kunsilli Lokali 10% mill-flus ta' ċitazzjonijiet li tħallsu relatat ma' CCTV cameras b'lura. Il-Kunsill ġa irċievha dawn il-flus ta' b'lura.

**8.4.27** Is-Sindku rċiviet l-agreement tal-**IBINS** mingħand il-GreenPAK, li dan ġie mgħoddi mill-Kunsilliera qabel is-Seduta. Il-Kunsill qabel li mhux se jżid 3 IBINS oħra. Peress li ser jipprovdu CCTV fuq l-IBINS cameras (il-Kunsill għandu 3), ic-CCTV cameras mħallsa mill-Kunsill se jitpoġġew x'imkien ieħor u jagħmlu tagħhom minflok. Ġie issuġeriet li jiġu installati CCTV cameras fi Triq il-Klematis/Triq il-Ġibjun (fejn hemm l-iskips).

**8.2.28** Wara li rċeviet talba mill-Kunsillier Sciberras ta' kemm s'issa ntbagħtu suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku infurmat li kienu daħlu 45 suġġeriment mill-**google forms**

**8.2.29** Il-Kunsilliera Debattista għaddiet suġġeriment li meta jkunu se jsiru xi attivitajiet mill-Kunsill jiġu mgħoddija lill-**Kappillan** u vici versa sabiex ma jaħbtux flimkien.

**8.2.30** Is-Sindku rċeviet talba sabiex il-Każin tal-Partit Laburista, Santa Luċija jkunx jista' jarma **2 gazebos** fi Pjazza 7 ta' Lulju għal lejlet il-Milied u lejlet l-Ewwel tas-sena għad-dawl tal-Milied. Il-Kunsilliera saqsew x'ħin se jarma u jżarma, jekk hux ser tibqa' armata bejn il-festi u jekk hux ser tkun gazebo magħluqa. Id-deċiżjoni ser tittieħed via email.

**8.2.31** Is-Sindku rċeviet talba mingħand il-**Librara** sabiex għas-sena 2025 jingħataw €300 għall-kotba. Il-Kunsilliera approvaw. Il-Kunsilliera Debattista staqsiet jekk jaċċettawx kotba second hand. Is-Sindku wieġbet sabiex tikkomunika direttament mal-librara. Ġie ssuġġerit ukoll li jista' jsir xi tip ta' xkaffar barra l-Kunsill jew inkella t-telephone box tintuża sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jaċċessaw iżjed kotba.

**8.2.32** Is-Sindku infurmat li bħal kull sena, jinxtara **rigal żgħir** għall-anżjani għall-Milied (madwar 40). Il-Kunsill approva

**8.2.33** Is-Sindku infurmat li t-tender tal-**Platforms u Rampi** ġie magħluq. Il-membri tal-Evaluation Committee huma:

Chairman – Is-Sindku
Bord tal-Evalwazzjoni – Il-Viċi Sindku, Il-Kunsilliera D'Amato, Il-Kunsillier Sciberras

Bħala Kunsill għaddejna d-dokumenti tat-tender lil perit sabiex jippreparalna l-Adjudication Report u għadna qed nistennew mill-perit l-Adjudication Report tal-iSmart Public Convenience.

**8.2.34** Is-Sindku irċiviet talba mingħand **YellowRock**. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa via email. L-istess organizzatur talab li l-Kunsill jisponsorja lill-persuni sabiex jingħaqdu fir-running club, iżda bħala kunsill ma approvax din it-talba.

**8.2.35** Is-Sindku infurmat li nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2024 se ssir laqgħa mal-**Ministru Chris Bonett u s-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia**. L-Agenda ser tinkludi talba għall-għajnuna għall-bini tas-Civic Centre, refurbishment tal-latrina u l-pond minħabba li ma hemmx filtration system tajba li jinsabu fi Ġnien is-Serenita u l-stat tat-toroq ta' Triq il-Kaħwiela, Vjal Oleandri u Triq M. De Domenicis. Is-Sindku issuġeriet biex il-Kunsilliera jibgħatu x'jixtieq















u li jiżdied fl-Agenda. Is-Sindku ġiet infurmata miċ-Ċiniżi li ser jixtru lill-Kunsill il-filtration system għall-pond.

**8.2.36** Is-Sindku infurmat li l-**ikla tal-Milied** mal-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill ser issir il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 wara s-seduta tal-Kunsill.

Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex tiġi mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti minħabba li ser jinqabżu it-3 siegħat.

## 8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsilliera D'Amato ipproponiet u ssekondat il-kunsilliera Debattista. Mal-lista ġie miżjud ukoll l-pagament tar-Rabbit Show.

### 8.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**8.4.1 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk hemmx permess għall-iskip fi Triq il-Ġibjun. Is-Sindku nfurmat li ma kellux permess u għalhekk infurmajna lill-LESA u ingħata taħrika. Il-Kunsilliera D'Amato infurmat li din tneħħiet issa.

**8.4.2 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk il-Community Police hux qegħdin ikunu preżenti waqt id-dħul u l-ħruġ tal-iskola. Is-Sindku infurmat li kienu qed imorru, iżda mhux kuljum peress li mhux assenjati ma Santa Luċija biss. Is-Surġent infurmatna li t-talba trid ssir lill-Pulizija mill-iskola.

**8.4.3 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk Triq il-Kaħwiela hiex fil-pjan ta' ħidma sabiex tiġi rranġata. Is-Sindku infurmat li ser ninkludu din it-triq ma Triq M. De Domenicis u Vjal Oleandri għal ma' l-Agenda ta' nhar it-Tlieta mal-Ministru Bonnett.

**8.4.4 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet meta jsir it-tindif tad-Dog Park u minn ser jieħu ħsieb biex jimlew il-kontenituri. Is-Sindku infurmat li hemm 2 ħaddiema li jieħdu ħsieb it-tindif tad-dog park, u l-kontenituri s-sidien tal-klieb jridu jimlewhom.

**8.4.5 Il-Kunsilliera Debattista** faħħret lill-Kunsill talli ingħatat it-tilqima f'Santa Luċija, iżda qalet li l-Kunsill ma kienx post adattat sabiex tingħata t-tilqima. Kif ukoll li ma kienx f'postu li jitqassmu l-gadgets tal-ilma. Is-Sindku infurmat li tal-gadgets tal-ilma kienet inizjattiva tal-staff (Annex 11).

### 8.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Ħamis 19 tax-xahar ta' Diċembru 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, illum 19 ta' Dicembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |